**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 51 - IT-TLIETA 24 TA' APRIL 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fid-8:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Is-Sur Glenn Fenech | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Il-Minuti ġew approvati mingħajr emendi u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. XOGĦOL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

*2.1. Mil-laqgħa tal-lokalita':*

2.1.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa tal-lokalità li kienu meqjusa moqrija u wara approvati. Wara l-Kunsill iddiskutu l-minuti u ħa d-deċiżjonijiet skont kif indikat f'appendiċi A.

2.1.2. Il-Kunsillier V. Agius skuża ruħu mil-laqgħa fl-10pm.

*2.2. Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:*

2.2.1. Is-SE ressaq mistoqsija mill-Kunsillier V. Agius. Kopja tal-mistqosija flimkien mar-risposta huma annessa f'Appendiċi B.

*2.3. Rapport tal-ispezzjonijiet:*

2.3.1. Is-SE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-ispezzjonijiet li kien wasal mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil in ġenerali li l-Kunsill għandu jibqa' jagħfas fuq aktar indafa kif ukoll għal manutenzjoni kontinwa tal-ġonna fil-lokalita'.

*2.4. Il-ftehim ta' koperazzjoni tal-Kumitat Konġunt Infurzar Lokali:*

2.4.1. Is-SE ippreżenta il-ftehim ta' koperazzjoni tal-Kumitat Konġunt għall-infurzar lokali. Dan sabiex il-Kunsill ikun jista' jgħaddi xi suġġerimenti qabel ma jkun iffirmat mill-ġdid. Kien hemm qbil li ladarba, skont ir-Riforma tal-Kunsilli Lokali, il-Kumitati Konġunti se jiġu xolti, kien inutli li jiġi diskuss.

2.5. *Talbiet lill-Kunsill*

2.5.1. Il-Kunsill ġie mitlub jinvolvi ruħu f'kalendarju tal-Old Motors Club għall-2010 filwaqt li intalab ħlas ta' €500. Il-Kunsill m'approvax din it-talba.

2.5.2. Fuq suġġeriment li kien hemm mill-ADT biex jitpoġġew *humps* fi Triq San Pawl il-Kunsill ma qabilx.

2.5.3. Il-Kunsill waslitlu talba mingħand Vascas Ltd sabiex ipoġġi reklami mar-rawndebawt li hemm bejn Triq il-Parroċċa u Triq San Pawl. Is-SE ippreżenta viżwali tar-reklami. Minħabba li dawn l-aħħar snin din ir-rawndebawt suppost li kienet qed tiġi sponsorjata minn Master Cellars, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jsaqsihom jekk għadhomx interessati li jagħmlu l-manutenzjoni u t-tisbiħ neċessarju għaliex inkella din se tingħata lil ħaddieħor. Fir-rigward tar-riklami, il-Kunsill għandu japplika mal-MEPA. Sadanittant għandha tingħata risposta lil Vascas dwar x'qed jiġri. Kemm-il darba t-tnejn huma interessati, se jinħarġu wkoll avviżi fuq il-gazzetti biex min jitfa' l-aħjar offerta jieħu d-dritt li jirranġaha u jirriklama fiha.

2.5.4. Il-Kunsillier Ġużeppi Catania skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien 10:50pm.

2.5.5. Is-SE ippreżenta lista ta' talbiet filwaqt li wera numru ta' ritratti u korrispondenza li tressqu fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Lista tal-ilmenti u deċiżjonijiet hija annessa f'Ċ.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku infurmat li kellha kommunikazzjoni mas-Sindku ta' Reggio Calabria fejn dawn kienu offrew pakkett tajjeb ħafna li jista' jkun offrut lir-residenti għal biex iżuru Reggio Calabria li jammonta għal €380 u li jinkludi kollox. Din il-mawra hija miftuħa għal kulħadd iżda kien hemm qbil li mal-konferma għandu jinżamm depożitu. Il-Kunsilliera Miceli insistiet li huwa importanti li jkun hemm *group leader* u li jekk ma jkunx hemm biljetti b'xejn il-Kunsill għandu jinsponsorja l-ispejjez kollha tal-*group leader*.

3.2. Il-Viċi Sindku infurmat li kienet attendiet għal laqħga dwar il-*Malta Policy for Local Governance* fejn ippreżentat ukoll ktejjeb li tqassam. Għaddiet ukoll lista tal-isked tal-elezzjonijiet lokali li ġejjin. Infurmat ukoll li l-EUPA kienet ħa tinsisti li jintużaw il-konsulenti li joffri d-Dipartiment u li kemm-il darba jkun hemm xi Kunsill li jibda proġett magħhom u mbagħad ma jkompliehx, il-EUPA ma jkomplux jagħtuh aktar sapport.

## 4. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

4.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li għandu jaġġorna l-laqgħa.

4.2. Il-Kunsillier A. Grech issuġġerixxa li ssir laqgħa soċjali qabel ma jispiċċa t-terminu ta' dan il-Kunsill. Ma kienx hemm oġġezzjoni u għaldaqstant is-SE se jieħu ħsieb jorganizzaha.

4.3. Il-laqgħa ġiet aġġornata f'12:00am mingħajr ma kienet eżawrita l-aġenda.

**KONTINWAZZJONI TAL-LAQGĦA – IT-TLIETA 19 TA' MEJJU 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku (waslet fit-7:50pm) |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier (wasal fid-8:45pm) |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier (wasal fit-8:00pm) |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier (wasal fid-8:45pm) |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Glenn Fenech | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**5. KOMMUNIKAZZJONI/INFORMAZZJONI MILL-EWWEL LAQGĦA**

5.1. Il-Viċi Sindku bdiet tippresiedi l-laqgħa wara li s-Sindku infurmat li kienet se tasal ftit tard.

5.2. Is-SE informa li minħabba l-pressjoni tal-elezzjoni kien qed jiġi ssuġġerit li d-deċiżjoni dwar l-impjieg ta' skrivan/a tiġi posposta għal wara l-elezzjoni. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

5.3. Għall-mistoqsija tal-Kunsilliera dwar jekk kinitx ġiet iffissata ġurnata għal-laqgħa soċjali, is-SE informa li kien għadu m'għamilx dan. Kien hemm qbil li din issir nhar il-Ħamis 4 ta' Ġunju 2009. Ikunu inklużi wkoll il-partners kif ukoll l-impjegati.

5.4. Is-SE informa li matul il-ġranet li għaddew kienet tqassmet il-pubblikazzjoni tal-Kunsill fejn fost oħrajn kien hemm inkluż ukoll riklam dwar il-mawra ta' Reggio Calabria. Hawnhekk waslet is-Sindku. Il-ħin kien it-7:50pm.

5.5. Għall-mistoqsija tal-Kunsilliera Miceli, is-Sindku infurmat li skont it-taħditiet li saru mal-Kunsill ta' Reggio Calabria, il-Kunsill qed ikun mitlub biss li jipprovdi trasport u jorganizza mawra madwar in-Naxxar. Kien hemm qbil li possibilmet, minbarra n-Naxxar, din il-mawra għandha tinkludi wkoll numru ta' postijiet oħra ta' interess madwar Malta imma li l-prezz għandu jinżamm baxx kemm jista' jkun. Il-Kunsillier Miceli insistiet li għandu jkun ċar x'qed jistennew mingħand il-Kunsill Lokali Naxxar u kemm se jkun involuti studenti li jiġu Malta.

5.6. Is-SE informa li kien iltaqa' ma' ADI Associates fejn offrew li jħejju pjan komplut għar-restawr tal-Victoria Lines u l-*marketing* tal-mixjiet madwar il-lokalità fost oħrajn permezz ta' applikazzjoni għall-fondi mill-UE taħt il-miżuri 313 u 323 għall-Programm għall-Iżvilupp Rurali. Għalkemm oriġinalment il-ħsieb kien li l-applikazzjoni tinkludi l-iżvilupp innifsu, wara aktar diskussjonijiet instab li tant irid

ikun hemm studju profond li ma kienx possibli li ssir applikazzjoni għall-iżvilupp komplut u għalhekk kienu qablu li l-applikazzjoni ssir biex isir l-istudju nnifsu li jrid ikun wieħed komprensiv. L-applikazzjonijiet jagħlqu fid-29 ta' Mejju 2009.

5.7. Il-Kunsillier Agius semma li l-istoriku Paul Catania kien avviċinah dwar il-fatt li kien sab żewġ arkeologi li kienu lesti jagħmlu xogħol ta' restawr fuq il-katakombi kemm-il darba l-Kunsill jidħol għal dan il-proġett ma' Heritage Malta.

5.8. Hawnhekk wasal il-Kunsiller Joe Grech. Il-ħin kien it-8:00pm.

5.9. Hawnhekk issemma li l-Kunsill ilu snin twal jitlob biex issir l-esproprjazzjoni tal-għelieqi biswit il-katakombi għaliex fil-preżent mhux possibli li wieħed jaċċessahom mingħajr ma jidħol minn proprjetà privata.

5.10. Is-SE informa wkoll li huwa kien kellem diversi drabi kemm lil Heritage Malta kif ukoll lis-Sovrantendenza iżda kien ġie infurmat li l-katakombi mhumiex meqjusa bħala urġenti minħabba li ma jinsabux fi stat ħażin. Kien hemm qbil iżda li l-Kunsill xorta għandu javviċina lis-Sur Catania u jitolbu biex jesplora l-possibbiltà li jgħin lill-Kunsill biex noħolqu xi tip ta' proġett b'fondi mill-UE fir-rigward tal-katakombi.

5.11. Is-Sindku infurmat li kienet iffirmat il-*Covenant of Mayors* fl-aħħar laqgħa tas-Sindki. Hija kienet għamlet dan wara li kkonsultat mas-SE minħabba li ma kienx fadal żmien biex titressaq fil-Kunsill qabel. Madanakollu hija għamlet dan ukoll għaliex kien se jkun hemm benefiċċji li bihom il-Kunsill ikun jista' jakkwista fondi relatati ma' ffrankar ta' enerġija. Il-Kunsill qabel.

5.12. Is-SE informa li l-għada l-Erbgħa kien se jkun hemm il-preżentazzjoni tal-fondi tal-attivitajiet sportivi. Għalkemm il-Kunsill kien applika għal Eur3000 kien se jiġi mogħti biss Eur1529. Kien hemm diskussjoni dwar kif wieħed jista' jinċentiva aktar lill-ġenituri tat-tfal biex jipparteċipaw fl-iskema tal-*walking bus*. Kien hemm qbil li l-Kunsilliera Miceli għandha tkellem lis-Surmast tal-Iskola Primarja u tikkordina din il-parti tal-proġett. Kienu diskussi wkoll xi suġġerimenti kif din l-inizjattiva tista' tkun aktar attraenti. F'dan ir-rigward is-Sindku ssuġġeriet frotta u ċereali għal min jipparteċipa filwaqt li l-Kunsillier Fenech irrakkomanda li jkun maħluq *mascot*.

5.13. Is-SE informa li kien għadda għall-attenzjoni tal-Kunsill lista tal-*enforcement notices* li nħarġu mill-MEPA għall-attenzjoni tagħhom.

5.14. Il-Viċi Sindku semmiet li kien twaslilha lment li fi Triq Santa Luċija, bieb 131, kien ġie impoġġi bieb tal-aluminium kulur il-fidda u li kienu imur kontra r-regoli tal-iżvilupp f'żoni ta' konservazzjoni. Wara diskussjoni jekk dan l-ilment għandux jitressaq għand il-MEPA mill-Kunsill jew jekk għandux jitħalla f'idejn ir-residenta li lmentat, fuq proposta tal-Viċi-Sindku, li ssekondaha l-Kunsillier Joe Grech, kien hemm qbil li jkun mgħoddi rapport lill-MEPA.

5.15. Il-Kunsillier Agius staqsa dwar x'sar mill-bozoz ta' Triq il-Katakombi u tal-Budaqq. Is-SE wieġeb li ma kellux l-informazzjoni f'idu iżda se jara x'sar minnhom mal-uffiċċjal inkarigat.

5.16. Hawnhekk waslu l-Kunsillier A. Grech u N. Gatt. Il-ħin kien id-8:45pm.

5.17. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva ittra mingħand SOS Etijopja li kienu qed jitolbu li jingħataw permess biex jagħmlu attività ta' *fund raising* flimkien ma' Vascas. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel ukoll li l-permess jinħareġ mingħajr ebda obbligu ta' ħlas.

5.18. Is-SE informa li xi uffiċjali mid-Dipartiment tas-Sanità kienu qed jinfurmaw lill-Kunsill dwar il-ħtieġa li l-ilma tax-xita ma jibqax jgħaddi mill-katusi tad-drenaġġ u għaldaqstant qed jinsistu li l-*gutters* jispiċċa l-funzjoni tagħhom. Kien hemm qbil li l-Perit tal-Kunsill għandu jagħmel spezzjoni fuq is-sit. Il-Kunsillier Joe Grech fakkar li fil-passat kien hemm residenti li kellhom problemi kbar meta farilhom id-drenaġġ ġewwa djarhom.

5.19. Il-Kunsill approva l-inizjattiva tal-Kunsillier Joe Grech li ħa ħsieb isib żewġ kuntratturi li mingħajr flus kienu lesti li jagħmlu tisbiħ fiż-żona tan-niċċa ta' T'Alla u Ommu. Iz-zewġ kuntratturi kienu Wiġi Micallef u Charlot Grech u se jieħdu ħsieb li jiffurmaw speċi ta' *rock garden* żgħir kif ukoll jirranġaw it-taraġ ta' biswit in-niċċa li tħalla nofsu komplut mill-kuntrattur Penza meta għamel il-kostruzzjoni tal-*bypass*.

5.20. Is-SE qara ittra mingħand Dott. Stefan Buontempo, kelliem ewlieni Laburist għall-Gvern Lokali, fejn talab il-kummenti dwar il-kontenut tad-dokument dwar l-implimentazzjoni tar-Riforma tal-Kunsilli Lokali.

5.21. Il-Wise Owl Publications infurmaw li kellhom offerta ta' numru ta' kotba għal-librerija għal prezz verament vantaġġjuż. Kien hemm qbil li, qabel ma tittieħed id-deċiżjoni li jinxtraw għandu jiġi vverifikat mal-librara jekk teżistix diġà kopja ta' dawn il-kotba fil-librerija.  Jekk le il-kotba jkunu jistgħu jinxtraw.

5.22. Is-Sindku semmiet li kien se jkun hemm l-okkażjoni tal-premjazzjoni tal-iskola primarja.  Kien hemm qbil li l-Kunsill joffri numru ta' kotba kif jagħmel is-soltu.

5.23. Il-Viċi Sindku semmiet li hija rrapreżentat lill-Kunsill fl-għoti ta' donazzjonijiet lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin biex jiġu mgħoddija għall-vittmi tat-terremot tal-Italja.  Għalkemm, minħabba li ma kinitx Malta s-Sindku ma setax ikun ippreparat iċ-ċekk, kien hemm qbil li jkunu mwegħda €100.  Il-Kunsill approva.

5.24. Is-SE preżenta ittra mingħand il-Birkirkara St Joseph Sports Club fejn għaddew kopja tal-programm ta' attivitajiet sportivi għas-sena 2009 u li jikkonċernaw għeluq ta' toroq fil-lokalità Naxxarija. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

5.25. Is-SE qara ittra mingħand residenta anzjana li kienet qed tirranġa l-faċċata tar-residenza tagħha u li kienet qed titlob li l-Kunsill itiha skont għal tpoġġija ta' *scaffolding*. Il-Kunsill qabel li din ir-residenta għandha tintalab tħallas €700 minflok €852 għall-permessi kollha meħtieġa għat-42 ġurnata li ġejjin.

5.26. Is-SE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-*photocopier* tal-Kunsill, li kienet ilha tiffunzjona mill-bidu nett tiegħu, ma kinitx għadha tiffunzjona sewwa u għaldaqstant talab il-permess tal-Kunsill biex tinxtara waħda ġdida. Il-Kunsill approva.

5.27. Is-SE informa li l-kwestjonarju kien tqassam mal-Kuntatt u li diġà kien hemm xi residenti li qed jibgħatu r-risposti tagħhom.

5.28. Is-SE informa li d-*doggie bins* kienu waslu u għaldaqstant talab lill-Kunsill biex jidentifika fejn jixtieq li jitpoġġew. Is-SE ippreparа l-lista fuq pjanta diġitali u għalhekk din se tiġi mgħoddija lill-*handymen* tal-Kunsill sabiex jiġu installati l-*bins* il-ġodda. Min-naħa l-oħra, is-SE se jieħu ħsieb jara li jirranġa mal-kuntrattur biex jibdew jiġu mnaddfa.

**6. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA**

6.1. Kien hemm qbil li l-aġenda għal-laqgħa li jmiss għandha tinkludi biss il-baġitt u l-pjan ta' tliet snin.

6.2. Il-laqgħa ġiet aġġornata fl-9:50pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# APPENDIĊI A

**Minuti tal-Laqgħa tal-lokalità 2009**

**24 ta' Marzu, 2009 fis-7:30pm**

*Nota: it-tipi korsivi u grassi jindikaw id-deċiżjonijiet tal-Kunsill skont kif meħuda fil-laqgħa tal-24 ta' April 2009.*

Preżenti għall-Kunsill: is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri kollha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Kienu preżenti wkoll it-tliet membri l-oħra tal-istaff, l-ispettur tal-Pulizija Nikolai Sant u anki xi kuntratturi.

1. Wara introduzzjoni qasira mis-Segretarju Eżekuttiv (SE), kien muri l-film, is-Sindku għamlet kelmtejn u wara s-SE ta' ħarsa lejn il-finanzi tal-Kunsill. Eżatt wara, l-pubbliku preżenti ġie mistieden jgħaddi l-kummenti tiegħu.
2. **Marthese Bezzina** minn Binja Sgħajtar fi Triq ta' Mezzi – ikkummentat mill-problema tat-triq minħabba li għadha qatt ma ġiet mibnija. Hija semmiet li qed ikollhom ħsarat kbar fil-karozzi u anki spejjeż ta' tobba u mediċini. Semmiet li hemm kaptelli perikolużi***. Kien hemm qbil li jkunu rranġati l-kaptelli biex jitneħħa l-periklu. F'dan il-ħin il-Kunsillier Catania semma l-ħafna kaptelli tal-By Pass li huma mkissrin u ilhom ħafna. Is-Sindku talbet li tingħata nota dwar dawn ħalli tara lil min se tkellem.***
3. **Paul Scicluna** minn Triq il-Musbieħ – irringrazzja u kkumplimenta lill-kunsill għall-bankina fi Triq il-Musbieħ. Huwa semma li fi Triq il-Bajtar hemm l-istess problemi msemmija mis-Sinj. Bezzina. Huwa insista li jistenna li l-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu.
4. **Joseph Zrinzo** – ikkummenta li ma jistax jifhem il-ftaħir tal-Kunsill meta għad hemm tant problemi mhux indirizzati. Huwa kkritika lill-Kunsill dwar il-mod kif ġew imqassma r-responsabbiltajiet lill-Kunsillieri – ***Il-Kunsillier Miceli semmiet li kienet għamlet il-punt tagħha waqt il-laqgħa tal-lokalità u li dan kien konformi ma' dak li kienet insistiet dwaru fil-bidu ta' din il-leġislatura tal-Kunsill. Hija tenniet li ma kienx sew kif kienu tqassmu r-responsabbiltajiet u staqsiet jekk kienx hemm benefiċċju mill-fatt li jkun hemm aktar minn persuna waħda fuq kull responsabbiltà*****.** Ikkritika wkoll lill-Kunsill għaliex, skont hu, hemm bżonn ta' rawndebawt fi Triq Sir Philip Skippon li ssolvi problema fiż-żona u li qatt ma saret **–** ***kien hemm qbil li nitolbu lill-perit ħalli jtina parir*****.** Huwa semma li hemm lampi li aktar ikunu mitfija milli mixgħula - ***Il-Kunsill talab li jkun verifikat fejn hemm il-problema*****.** Huwa talab lill-Kunsill biex isejjaħ laqgħa ta' solidarjetà mar-residenti li għandhom it-triq mhux mibnija ***– Il-Kunsillier Miceli ipproponiet li ssir lista tat-toroq li għadhom qatt ma saru, isir ilment uffiċċjali lill-ADT f'isem il-Kunsill u tintbagħat kopja tal-ittra lir-residenti tat-toroq kollha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu*****.** Huwa xtaq ukoll kjarifika fuq ir-rendikont finanzjarju - ***dan ikun mibgħut meta jkun hemm ir-rendikont finanzjarju verifikat*****.**
5. **Rita Le Mer** mis-Salina – semmiet li fiż-żona ta' Triq il-Katakombi tas-Salina hemm ħafna ġrieden kaġun tal-ħmieġ ġenerat mill-iskips. Hija qalet li ma tridx skips u

pproponiet ukoll li jitpoġġew CCTV's. ***– Il-Kunsillier Agius semma li l-iskips mhux qed jitbattlu regolarment. Il-Viċi Sindku infurmat li żaret il-post l-għada tal-laqgħa mal-Kunsillier Catania u sabu li kien hemm nadif tazza u l-iskips ma kienux hemm. Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li ssir ittra lir-residentifejn jintalbu jesprimu jekk jixtiequx li jitneħħew l-iskips jew le. Għandhom jingħataw ħmistax-il ġurnata żmien biex iwieġbu.***

6. **Joseph Borg** – Irringrazzja lill-kunsill għax-xogħol li wettaq. Ilmenta mill-istat ta' Triq il-Qoton li, skont hu, qed tkun ta' inkonvenjent għall-persuni b'diżabilità minħabba għadajjar u trabijiet. Semma wkoll ħmieġ kbir fit-tarf ta' Triq is-Sgħoda kif ukoll l-istat ta' Triq tal-Labour. Talab ukoll lill-Kunsill jikkonsidra li ma jibqax jitħalla parkeġġ fuq iż-żewġ naħat ta' Triq il-Qoton. ***- Il-Kunsill unanimament ma qabilx mas-suġġeriment tal-parkeġġ. Il-Kunsillier Agius fakkar li s-Sur Borg kien semma li hemm tappiera perikoluża u li huwa (il-Kunsillier Agius) kien mara personalment u irranġa t-tappieri biex ma jkunux ta' perikolu. Il-Kunsill talab li jkun żgurat li ma jkunx ta' periklu għall-pubbliku.***

7. **Duncan Callus** minn Triq il-Fugassa – Semma problema ta' parkeġġ għax qiegħed ikun bl-addoċċ. Talab li jsiru marki tal-parkeġġi. ***Il-Kunsill qabel li jiddaħħal fil-programm tax-xogħol il-marki tal-parkeġġi.*** Semma wkoll li qed jinħareġ skart minn kmieni (l-Ispettur ħa nota ta' dan l-ilment). Huwa semma wkoll li Triq l-Arzella suppost li hija f'direzzjoni waħda iżda m'għadiex u għalhekk talab biex terġa ssir hekk. ***– Kien hemm qbil li ssir it-tabella mill-ġdid b'mod sod.***

8. **Victor Bellia** minn Vjal il-21 ta' Settembru – Ilmenta min-nuqqas ta' għajnuna mill-Pulizija speċjalment fejn jidħol sewqan esaġerat li qiegħed ikun perikoluż. Huwa ilment minn trakk li qed ikun hemm fiż-żona ta' Triq Victor Scerri ***– dan it-trakk tneħħa.***

9. **Victor Mizzi** – Irringrazzja lill-Kunsill għax-xogħol tal-bankini iżda lmenta minn individwi li allegatament kissru l-bankini (jidher li ma kienx qiegħed jirreferi għal bankini li għamel il-Kunsill) ***– Kien hemm qbil li għalissa ma jista' jsir xejn.***

10. **Carmen Carachi** – Semmiet li l-boroż tal-iskart qed jinġabru fi gzuz ***– (F'dan il-ħin, fl-10pm, il-Kunsillier Agius ħalla l-laqgħa) – Kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur.***

11. **Joe Micallef** minn Triq V. Boron – Irringrazzja lill-Kunsillieri u lill-istaff għax-xogħol tagħhom. Semma l-grawnd tal-futbol u appella biex ikun sfruttat biex il-Kunsill jiġġenera dħul addizzjonali anki billi jorganizza *tournaments* tal-futbol ***– Is-sindku qablet li tkellem lill-Perit Cassar minħabba li jonqos li ssir ix-xibka tal-grawnd tal-futbol u għadna qed nistennew mingħand il-Perit.*** Appella wkoll biex ikunu sfruttati l-*Victoria Lines* għal skop ta' turiżmu - ***F'dan il-ħin kien hemm qbil li tintbagħat ittra lill-MEPA dwar il-barrieri minħabba li f'laqgħa li kienet saret fil-bidu nett tas-sena 2008 kienu wegħdu li t-tħaffir kollu kellu jieqaf sa Ġunju.*** F'dan ir-rigward huwa faħħar il-kunsill għall-pubblikazzjoni tal-ktejjeb tal-mixjiet. Huwa ressaq talba biex titwaħħal bozza fi Triq Boron ***-Il-Kunsill approvat din it-talba-*** filwaqt li talab li ssir pressjoni biex art li hemm fuq in-naħa l-oħra tat-triq tiddawwar b'ċint minħabba periklu. Huwa semma wkoll li hemm bini vojt li huwa aċċessibbli u għalhekk ta' periklu. Semma wkoll li hemm munzell brikks. L-ispettur tal-Pulizija ħa nota ta' dan.

12. **Mary Attard** minn Vjal il-21 ta' Settembru – Irringrazzjat lill-Kunsill u lill-istaff tax-xogħol tagħhom filwaqt li sostniet li wieħed ma jridx biss isemmi l-problemi imma jsemmi wkoll it-tajjeb li jsir. Hija appellat għall-azzjoni minħabba l-parkeġġ bl-addoċċ fil-Pjazza kull filgħodu ***– Il-Kunsillier Catania semma li l-problema għada hemm u bilkemm wieħed jista' jgħaddi għal Triq Santa Luċija.*** Hija lmentat ukoll fuq iż-żbir drastiku tas-siġar fi Vjal il-21 ta' Settembru. Hawnhekk intervjeniet ukoll **Pauline Vella** fejn ilmentat fuq il-mod li qed jinżabru s-siġar ***– Is-sindku pproponiet li nistennew ħalli jaraw kif se jikbru u b'hekk il-pubbliku jkun jista' jara r-riżultat. Apparti dan il-kunsill ma kellux kontroll assolut fuq dan ix-xogħol u effettivament ix-xogħol twaqqaf mill-MELP. Bħala Kunsill kien hemm qbil unanimu li x-xogħol kellu jsir u jibqa' għaddej iżda jaqbel mal-proposta tas-Sindku.***

13. **Mario Hili** minn Baħar iċ-Ċagħaq – irringrazzja ħafna lil Salvu Sciberras li kien strumentali biex is-sottokumitat ta' Baħar iċ-Ċagħaq jiffunzjona. Semma li hemm il-problema ta' *Splash and Fun*, li s-sottokumitat ħadem ħafna dwarha. Huwa semma li hemm problema ta' għargħar fi Triq il-Kosta. Semma wkoll li hemm numru ta' bankini li għandhom bżonn ikunu mibdula f'Baħar iċ-Ċagħaq. Irrapporta wkoll li Melita plc qalgħu xi ħitan. Semma wkoll il-problema tal-klieb jiġġerrew f'Baħar iċ-Ċagħaq kif ukoll il-bżonn li jibda x-xogħol fuq il-Pjazza. Huwa ppreżenta wkoll xi ritratti ***– Dwar dan, il-Kunsill reġa' tkellem mal-pulizija f'laqgħa li saret it-Tlieta 28 ta' April 09 fit-8:30pm u li kienu rappreżentati mis-Supretendent tad-Distrett Antonello Grech u l-Ispettur Nikolai Sant. Huma kkonfermaw li qed tittieħed azzjoni tant li qed isiru diversi spezzjonijiet, fosthom mis-Sur Mario Spiteri.***

14. **Clifford Galea** minn Triq il-Parroċċa – irringrazzja ħafna lill-Kunsill għall-ħidma tiegħu. Appella biex il-Kunsill jaħdem ħalli jgħolli l-istima lejn il-lokal u ssuġerixxa li jsir mafkar għall-ħaddieda ***– Il-Kunsill qabel li dan ikun ikkunsidrat 'il quddiem.*** Semma wkoll il-problemi tal-vetturi fil-Pjazza. Huwa ssuġerixxa li l-Kunsill jagħmel attività kbira t-tip kif issir fil-Birgu bl-isem Casal Naxxarò. Huwa semma li ilu jipproponi wkoll li ssir xi ħaġa simili ***– Kien hemm qbil li dan għandu jkun diskuss u deċiż mill-Kunsill li jrid ikun elett f'Ġunju 09.*** Huwa appella wkoll għall-koperazzjoni ta' kulħadd biex ikun hawn l-indafa. Appella wkoll lill-Kunsill biex jagħmel promozzjoni akbar tax-xogħol tal-Kunsill filwaqt li ssuġerixxa li jsiru aktar laqgħat għar-residenti. Huwa esprima wkoll id-dispjaċir għal atti vandali li għadhom isiru.

15. **Salvu Sciberras** minn Triq tal-Labour – Semma li l-Kunsill diġà kien beda bil-ħsieb li jagħmel tabelli mal-bini storiku u ta' interess fil-lokal ***– Is-SE informa li huwa kien diġà tkellem mas-Sur Paul Catania u kien reġa' kellmu riċentament wara talba li għamlitlu s-Sindku.*** Semma wkoll li huma ħafna dawk li, minkejja li jirċievu l-informazzjoni, lanqas tinqara tant li kien hemm min ma jafx li l-Kunsill għamel *Master Plan*. Huwa ssuġerixxa li biex dan ikun magħruf aktar jista' jkun hemm 'rokna' f'kull ħarġa tal-'Kuntatt mal-Kunsill Tiegħek' dwar dan ***- Il-Kunsill qabel li għandu jippubblika biss il-partijiet minnu li jkunu se jiġu implimentati.***

16. **Stephen Gravina** minn Triq l-Ingilterra – Irringrazzja lill-Kunsill u lill-Kunsillier Joe Grech talli sar il-materjal li ma jiżloqx għalkemm għarraf li diġà beda jinqala' ***– Il-***

***Kunsillier Grech ikkonferma li dan qiegħed jinqala' kollu u għalhekk il-Kunsill talab li tinħareġ l-ordni biex isir mill-ġdid a spejjeż tal-kuntrattur*.**

17. **Marita Pace** minn San Pawl tat-Tarġa – ilmentat min-nuqqas ta' dawl ħdejn it-Trade Fair grounds ***– Is-SE informa li qed nistennew lill-enemalta biex tikkonnettja l-linja*.** Hija semmiet il-bżonn li Triq it-Torri tal-Kaptan tiġi miksija bit-tarmak ***– din hija waħda mit-toroq proġettati li jsiru*.** Semmiet li hemm xi sinjali sofor quddiem id-djar li kienu saru fiż-żmien li kienet tiġi organizzata l-Fiera Internazzjonali ta' **Malta** ***- kien hemm qbil li dawn għandhom jitneħħew*.** Hija rringrazzjat ukoll lill-Kunsill għall-opportunitajiet li ta liż-żgħażagħ speċjalment bil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

18. **Vincent Debono**, li huwa wkoll Assistent Kap tal-Iskola Primarja, ilmenta li kien għamel talba f'isem l-iskola primarja biex issir laqgħa mal-Kunsill iżda għadu ma sema xejn ***– Il-Kunsill talab biex tkun ko-ordinatha l-laqgħa mill-aktar fis possibli***.

19. **Marianne Cuomo** minn Baħar iċ-Ċagħaq – irringrazzjat lill-Kunsill għall-ħidma tiegħu, speċjalment lil Salvu Sciberras li ddedika ħafna ħin għal Baħar iċ-Ċagħaq. Hija semmiet li fil-Magħtab hemm numru ta' ħofor. Talbet ukoll li tingħata attenzjoni lil Triq il-Katakombi fis-Salini ***– is-SE informa li fil-preżent qed tissewwa Triq il-Katakombi tas-Salini*.**

20. Fi tmiem il-laqgħa s-Sindku irringrazzjat lill-pubbliku preżenti filwaqt li ddikjarat il-laqgħa magħluqa. Il-ħin kien l-10:15pm.

**Paul Gatt**

Segretarju Eżekuttiv 5 ta' April, 2009

# APPENDIĊI B

**Mistoqsija minn Kunsillier**

Il-Kunsillier Victor Agius staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv:

1. Kemm twaħħlu bozoz fl-aħħar sena?
2. Fejn twaħħlu?
3. Kemm baqa pendenti?

**Risposta:**

Fl-aħħar sena (April 08 – Marzu 09) twaħħlu 13-il bozza. Dawn twaħħlu kif inhu indikat hawn taħt:

| Lista ta' bozoz li ġew imwaħħla | | | |
|---|---|---|---|
| **Isem tat-Triq** | **Triq** | | **Nru ta' bozoz imwaħħla** |
| A. M. Caruana (fis-centre strip) | Triq | | 1 |
| Torri tal-Għallis (viċin Villa Freibusa) | Triq | it- | 1 |
| Għaqba | Telgħa | tal- | 1 |
| Alla u Ommu (hdejn Olympia Cottage) | Telgħa | t' | 1 |
| M.A. Murray | Triq | | 6 |
| San Pawl, Triq Ġdida Fi | Triq | | 1 |
| Ċejlu | Sqaq | | 1 |
| Torri tal-Kaptan (Trade Fair) | Triq | it- | 1 |

Pendenti għad fadal 144 talba

Il-Kunsillier Victor Agius staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv:

Rajt lil tad-dranagg fi Triq il-Kbira, tista' taghtini taghrif x'gie diskuss?

**Risposta**

Wara li saret laqgħa ta' kordinament fil-preżenza tal-perit tal-Kunsill, l-entitajiet kollha involuti kienu mitluba biex jissottomettu dettalji dwar is-servizzi biex il-Perit ikun jista' jħejji d-dettalji tiegħu. Kien għalhekk li d-Dipartiment tad-Drenaġġ qabbad lin-nies tiegħu biex jivverifikaw fejn u kif għaddej is-servizz. Din l-informazzjoni inġabret u ngħatat lill-Perit tal-Kunsill.

**Paul Gatt**
Segretarju Eżekuttiv

# APPENDIĊI Ċ

| Ref No | Case/Request details | Comments by Case Officer | Deċiżjoni tal-Kunsill |
|---|---|---|---|
| 056/00 | Donation for Prize to Naxxar Primary C School | Has been given in previous years | Approvati |
| 44.0501.09 | Hemm trejqa li twassal minn Triq Qalet Marku sal-Maghtab li hija mitluqa ghal kollox tant li hija mimlija haxix u l-art spiccat blat - hafna mic-cnut ukoll maz-zmien spiccaw twaqqghu u intrema hafna materjal u imbarazz. Qed jitlob li jsir it-tindif u li tigi rrangata t-trejqa ghax kieku tiffacilita d-dhul min-naha ta' bahar ic-Caghaq. Ikun facli wkoll tintuza ghall-passiggati ghax tghaqqad BIC min-naha ohra. Huwa lest li jghin billi jipprovdi makkinarju biex isir ix-xoghol ta' rrangar ta' blat fiha. | Informed Charlie Mifsud to clean area. | Għandu jkun ikkonfermat jekk l-art hijiex privata jew le. |
| 009/09 red | Talba biex tkun imċaqalqa il-cardphone | NLC is asking them how they will improve the site | Talba mhux milquha |
| NLC/012/06 | Talba biex jitneħħa s-sinjal isfar li hemm quddiem sqaq żgħir li hemm fi Triq l-Imdina. Oriġinarjament dan kien sar fuq talba tar-resident li joqgħod fuq ġewwa tal-isqaq għaliex isibha diffċli biex jaċċessa daru għaliex il-bankina hija tant baxxa li l-vetturi jibqgħu deħlin dritt sal-entratura. | Il-kumplament tar-residenti qed joġġezzjonaw għal dan is-sinjal u qed jinsistu li jitneħħa. Ovvjament mhux qed jikkalkulaw l-inkonvenjenza tas-sid tad-dar li ma jkunx jista' joħroġ/jidħol jekk xi vettura tagħlaqu l-aċċess. | Issir junction box quddiem l-isqaq. |
| | Is-Sinj. Maria Ellul, għalliema tal-MCAST qed tipproponi li 10 studenti b'diżabbilità jingħataw l-opportunità li jagħmlu ftit tindif fil-lokalità. Kulma jkollhom bżonn huwa li l-Kunsill jidentifika sit u jipprovdihom b'xi *disposable gloves* u *garbage bags*. | Preferibbilment is-sit li jiġi identifikat għandu jkun xi mkien fil-qrib biex l-għalliema u t-tfal ikunu jistgħu jmorru bil-mixi. Il-ġurnata magħżula biex jagħmlu dan hija t-13 ta' Mejju 2009. | Issir tindifa fi Triq il-Għargħur (fejn hemm il-parkeġġ). |
| 44-0234-09 | Talba għal sinjal isfar quddiem il-bieb tal-garaxx u l-bieb tad-dar minħabba li ma jkunx jista' joħroġ mill-garaxx. (Triq it-Torri Gauci) | It-talba hija ġustifikata. Għandu dritt għal sinjal isfar ta' metru fuq kull naħa tal-garaxx minħabba li t-triq hija *two way*. | Se jindaga l-Kunsillier Joe Grech u jirrapporta lura. |
| 44-0105-09 | Talba ghal sinjal isfar ta' madwar 2.5m mal-ġenb tal-garaxx minħabba li għandu problema kbira biex jaċċessa l-garaxx bit-trakk. (Triq Paolo Parisio Muscati) | It-talba hija ġustifikata. Għandu dritt mill-anqas għal metru iżda minħabba l-kobor tal-vettura, qed jintalab li s-sinjal jiġi estiż. | Deċiżjoni tkun posposta. |
| 44-0399-09 | Talba biex mal-faċċata tal-garaxx jitnaqqas il-parkeġġ għaliex għandu diffikultà kbira biex jaċċessa l-garaxx minħabba li għandu żewġ trailers. (Triq Jean de la Valette) | Din il-problema nħolqot għaliex minn mindu nbniet il-binja ta' faċċata u qed issir il-bankina l-ġdida, din inħarġet ħafna aktar 'il barra mil-linja li kien hemm qabel u għaldaqstant il-vetturi pparkjati qed joħorġu aktar mil-linja tal-parkeġġ. | Isir rapport lill-MEPA għall-allegat ħruġ żejjed tal-bankina. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 44-0618-08 | Talba għal sinjal isfar ta' metru fuq in-naħa tax-xellug tad-drive in tal-garaxx għaliex qed ikun hemm vetturi pparkjati viċin ħafna u qed s-sidien tal-garaxxijiet qed isibuha diffiċli biex jaċċessaw il-garaxx. (Triq il-Buzjett) | Diġà hemm sinjal isfar fuq il-lemin però issa t-talba qegħda għal sinjal fuq ix-xellug ukoll. Normalment għal garaxx fi triq f'direzzjoni unika jitpoġġa biss sinjal ta' metru wieħed. Però ta' min jgħid li din hija drive-in għal numru ta' garaxxijiet u għaldaqstant mhux possibli li wieħed jirriversja għal ġol garaxx. | Mhux ġustifikata. |
| 44-0498-09 | Talba għall-immarkar ta' parkeġġi fi Triq San Publiju | Skont kalkoli li saru jistgħu jidħlu bejn 22 u 24 parkeġġ. | isiru l-marki tal-parkeġġi. |
| 0904-02 | Talba biex ma jitħalliex parkeġġ tal-vetturi mal-faċċata tal-garaxx li hemm fi Triq il-Punent. | Il-liġi titlob li jkun hemm 6m wisgħa biex vettura taċċessa l-garaxx. Kulma hemm mill-garaxx sal-faċċata huma 4.5m. | Deċiżjoni tkun posposta - nikkonfermaw jekk il-garaxx hux qed jintuża.. |